MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2003

Rikors Numru. 18/2003/1

Joseph sive Giuzeppi Schembri
vs
Registratur tal-Qorti Superjuri, l-Avukat Generali, Joyce u Joseph konjugi Schembri

Il-Qorti,

## A. RIKORS:

Rat ir-rikors ta' Joseph sive Giuzeppi Schembri li bih ippremetta:

Illi r-rikorrent huwa ragel mizzewweg u ghandu iben li jismu wkoll Joseph. Illi dan l-iben, flimkien ma' martu Joyce, ghandu tifel li ghadu minuri u li jismu Ryan Schembri. Ir-rikorrent ghaldaqstant jigi n-nannu patern ta' dan il-minuri u dejjem kellu access normali ghan-neputi tieghu Ryan;

Illi fis-26 ta’ Marzu tas-sena 2002 inbdew proceduri quddiem l-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili ghas-separazzjoni gudizzjarja bejn il-fuq imsemmija Joseph u Joyce konjugi Schembri (Citazz Nru: 355/2002);

Illi matul dawn il-proceduri qamet kwistjoni dwar il-kura u l-kustodja tat-tifel Ryan tant illi kellha tinhatar Social Worker sabiex tirrelata dwar dan il-punt;

Illi matul is-seduta tal-5 ta’ Dicembru 2002 fil-kawza Joseph Schembri vs Joyce Schembri li ghaliha saret referenza aktar ‘il fuq, l-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili tat digriet li laqat direttament lir-rikorrent billi pprojbixxiet lir-rikorrent, bhala nannu patern tat-tifel Ryan Schembri, milli b’xi mod jipprova jikkomunika mat-tifel;

Illi r-rikorrent ma kienx parti mill-fuq imsemmija proceduri u fil-hin li nghata d-digriet la kien rapprezentat minn difensur legali u l-anqas inghata l-opportunita` li jikkontesta l-posizzjoni li hadet il-Qorti billi l-anqas biss seta’ jiddefendi l-posizzjoni u d-drittijiet tieghu;

Illi dan id-digriet l-anqas gie formalment notifikat lir-rikorrent izda gie komunikat lilu fl-Awla fejn hu kien prezenti u anke f’dan l-istadju huwa ma kellu l-ebda fakulta li jikkontesta l-legalita` tal-procuduri mehuda fil-konfront tieghu;

Illi d-digriet tal-5 ta’ Dicembru 2002 moghti mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Joseph Schembri vs Joyce Schembri jikkostitwixxi ksur tad-dritt fondamentali tar-rikorrent ghal smiegh xieraq u imparzjali kif protett mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali u dan ghar-ragunijiet fuq imsemmija;

Illi b’konsegwenza tal-fuq imsemmi digriet ir-rikorrent kien qieghed jigi mcahhad milli jara lin-neputi tieghu Ryan u b’hekk qieghed jigi negat lilu d-dritt li jgawdi l-hajja tal-familja tieghu.  Illi ma kien hemm l-ebda raguni valida li tiggustifika l-allontanament totali tan-nannu patern, ir-

rikorrent, min-neputi tieghu Ryan kif kellu jigi pruvat tul is-smiegh tal-kawza. Dan ifisser illi ma kien hemm l-ebda gustifiakzzjoni l-ghala l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili kellha tindahal fl-ezercizzju mir-rikorrent tad-dritt tieghu li jara lin-neputi tieghu u dan bhala parti mid-dritt li jgawdi l-familja tieghu;

Illi ghaldaqstant il-fuq imsemmi digriet jikkostitwixxi wkoll ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent ghar-rispett tal-hajja tal-familja tieghu kif protett mill-Artikolu 8(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali;

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil din l-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li kien hemm ksur tad-dritt fondamentali ghal smiegh xieraq u imparzjali fil-konfront tar-rikorrent kif protett mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali;

2. Tiddikjara li kien hemm ksur tad-dritt fondamentali ghar-rispett tal-hajja tal-familja tieghu kif protett mill-Artikolu 8(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali;

3. Tiddikjara bhala null u bla effett id-digriet tal-5 ta' Dicembru 2002 moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Joseph Schembri vs Joyce Schembri (Citazz Nru: 355/2002;

4. Tordna li jinghataw dawk ir-rimedji li jidrilha xieraq fic-cirkostanzi.

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti esebiti.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Generali u tar-Registratur tal-Qorti li biha eccepew:

1. Preliminarjament l-ezistenza ta’ mezz xieraq ta’ rimedju taht il-ligi ordinarja biex jigi attakkat (b’citazzjoni appozita) id-digriet li minnu jilmenta r-rikorrent. Illi ghaldaqstant din il-Qorti kellha tiddeklina milli tezercita l-mansjonijiet taghha taht il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u taht il-Kap 319.

2. Subordinatament, illi d-digriet in kwistjoni ma ddetermina ebda dritt jew obbligu civili tar-rikorrent u ghalhekk m’huwiex censurabbli taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

3. Illi subordinatament ukoll ir-rikorrent bhala nannu patern ma kien igawdi ebda dritt parentali fuq il-minuri Ryan Schembri dment li l-genituri tal-minuri ghandhom is-setgha tal-genitur huma stess.

4. Illi d-digriet impunjat ma kienx jikkostitwixxi ebda ksur tad-dritt ghall-hajja privata u tal-familja u, fi kwalunkwe kaz, il-mizura mehuda bid-digriet kienet necessarja f’socjeta` demokratika ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta’ haddiehor.

Salvi eccezzjonijiet ohra.
Rat il-verbal tal-25 ta’ Gunju, 2003 li permezz tieghu l-intimata Joyce Schembri assocjat ruhha mal-eccezzjonijiet tal-Avukat Generali.

Rat r-risposta ulterjuri tar-Registratur tal-Qrati Superjuri li eccepixxa:

Illi huwa mhux legittimu kontradittur peress li huwa ufficjal subordinat tal-Qrati, ghandu kariga amministrattiva u ma kienx jippartecipa u ma kellux kontroll fl-operat gudizzjarju. Ghalhekk kellu jkun mehlus mill-harsien tal-gudizzju u ma kellux ibati spejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri jittrattaw.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Permezz ta' sentenza tal-15 ta' Lulju 2003 kienet ikkonkludit hekk:

"Wara li ezaminat dan kollu l-Qorti hi tal-fehma li kienu jezistu proceduri ohra adegwati mhux quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u li ghalhekk fic-cirkostanzi tal-kaz ghandha tirrifjuta, kif fil-fatt qeghdha taghmel, li tezercita s-setghat taghha skond l-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni minhabba li jezistu mezzi xierqa ohra ta' rimedju ghall-ksur allegat u ghalhekk tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali."

B'sentenza tas-16 ta' Frar 2004 il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

11. L-appellant qed jikkontendi li, bid-digriet taghha tal-5 ta' Dicembru, 2002 fil-kawza fl-ismijiet ***Joseph Schembri v. Joyce Schembri*** (Citaz. 355/02 RCP) il-Qorti li tat dak id-digriet kisret zewg drittijiet fondamentali tieghu: id-dritt ta' "smigh xieraq u imparzjali" kif protett bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u bl-Arikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll id-dritt "ghar-rispett tal-hajja tal-familja tieghu" kif protett bl-Artikolu 8(1) ta' l-imsemmija Konvenzjoni. Issa, filwaqt li din il-Qorti tista' tifhem li r-rikorrent kellu mezz xieraq ta' rimedju ghal dak li jirrigwarda l-allegat ksur ta' l-Artikolu 8(1) tal-Konvenzjoni – huwa dejjem seta' jipprocedi permezz ta' citazzjoni biex jimpunja d-digriet tal-5 ta' Dicembru, 2002 in kwantu l-istess digriet jikkoncerna lilu, ossia peress li dak id-digriet jimponi restrizzjoni fuqu (cioe` fuq ir-rikorrent appellant odjern) fir-rigward tar-relazzjonijiet tieghu ma' persuna ohra – din il-Qorti difficilment tista' tifhem x'rimedju xieraq huwa seta kellu ghall-allegat ksur ta' l-Artikolu 39 u 6(1) tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament. Jekk dak li qed jallega rrikorrent huwa li bid-digriet stess tal-5 ta' Dicembru, 2002 gie lez id-dritt tieghu ta' smigh xieraq – u din il-Qorti tifhem

li proprju din hija l-allegazzjoni – billi jaghmel citazzjoni jew rikors biex dak id-digriet jigi revokat, il-vjolazzjoni tkun diga saret u ma tistax tigi rimedjata. Il-posizzjoni ta' l-appellant odjern (li, ghandu jigi precizat, ma kienx parti fil-kawza *Joseph Schembri v. Joyce Schembri*) hija ferm differenti minn dik tal-partijiet f'kawza fejn il-kwistjoni tas-smigh xieraq tigi valutata fil-kumpless tas-smigh kollu li jkun sar matul il-proceduri, inkluzi l-proceduri fi stadju ta' appell; b'mod ghalhekk, ukoll, li meta parti f'kawza jkun jidhrilha li ma inghatatx smigh xieraq mill-Qorti ta' l-ewwel istanza, jekk ikun hemm dritt ta' appell, hija ghandha tirrikorri ghal dak id-dritt ta' appell proprju biex in-nuqqas ta' smigh xieraq jigi rimedjat. Il-posizzjoni tal-appellant odjern fir-rigward tad-digriet tal-5 ta' Dicembru, 2002 hija simili ghal dik ta' persuna li ma hija b'ebda mod involuta f'kawza bejn zewg litiganti, izda li f'daqqa wahda u minghajr ma tkun giet kjamata fil-kawza, issib ruhha b'xi mod "ikkundannata" taghmel jew ma taghmilx xi haga. Veru li l-appellant odjern seta' talab li jintervjeni *in statu et terminis* fil-kawza bejn ibnu u l-mara ta' ibnu; izda biex tali talba jkollha ezitu favorevoli huwa kien ikollu jipprova li ghandu interess guridiku fl-ezitu tal-vertenza bejn ibnu u mart ibnu, u mhux semplicement interess fir-rigward ta' provvediment partikolari fejn huwa ssemma'. Fi kliem iehor, din il-Qorti difficilment tara kif il-Qorti li kienet qed tisma' l-kawza ta' ibnu u ta' mart ibnu dwar il-kura, kustodja u access tal-genituri ghat-tfal setghet tikkonkludi li n-nannu patern kellu interess guridiku li jintervjeni *in statu et terminis* (Alla hares f'kawzi bhal dik bejn Joseph Schembri *Jnr* u Joyce Schembri jibdew jintervjenu in-nanniet u z-zijiet u r-razza u r-radika kollha!!).

12. Ghalhekk, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni wzata mill-ewwel Onorabbli Qorti li biha ddeklinat li tezercita s-setghat taghha skond l-Artikoli 46(2) u 4(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Kap. 319 rispettivament, pero` dan limitatament ghall-allegazzjoni ta' vjolazzjoni tad-dritt "ghal smigh xieraq u imparzjali". Din il-Qorti taghmilha cara li b'dan il-gudikat hija mhix qed tghid b'ebda mod li kien hemm jew li ma kienx hemm vjolazzjoni ta' dana d-dritt –

dan huwa xi haga li jrid jigi stabbilit fl-ewwel lok mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha.

13. Ghall-motivi premessi, din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ewwel Qorti rrifjutat li tezercita s-setghat taghha riferibbilment ghall-allegazzjoni ta' vjolazzjoni ta' l-Artikolu 8(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, thassarha u tirrevokaha il-bqija, cioe` f'dik il-parti fejn iddecidiet li tirrifjuta li tezercita l-imsemmija setghat riferibbilment ghall-allegazzjoni ta' ksur tal-Artikoli 39 u 6(1) tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea rispettivament, kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-kap ta' l-ispejjez, u konsegwentement tordna li l-atti jigu rinvjati lura lill-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex din tiddeciedi fuq il-meritu ta' l-allegazzjonijiet ta' ksur ta' l-imsemmija zewg artikoli (39 tal-Kostituzzjoni u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea) skond il-ligi. L-ispejjez kemm ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' dana l-appell ghandhom, ficcirkostanzi, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Din il-Qorti ma tistax ma tesprimix <u>obiter</u> il-preokkupazzjoni taghha li kwalunkwe dewmien, li ma jkunx gustifikat, fir-risoluzzjoni tal-kwistjoni dwar jekk in-nannu patern ghandux ikollu kuntatt mal-minuri Ryan tista' eventwalment tkun ta' hsara ghall-istess minuri. Ghalhekk tissollecita lill-partijiet li jikkooperaw bis-shih mal-Qorti tal-Prim Istanza li qed tisma' il-kawza bejn il-konjugi Schembri fl-interess tal-imsemmi minuri."

Jinkombi ghalhekk fuq din il-Qorti li timxi fuq il-parametri dettati mill-Qorti Kostituzzjonali u cioe` li tezamina ulterjorment jekk jezistix dritt legali tar-rikorrent fuq dak li fl-ewwel sentenza taghha din il-Qorti uzat id-diskrezzjoni taghha u "iddecidiet li tirrifjuta li tezercita l-imsemmija setghat riferibbilment ghall-allegazzjoni ta' ksur tal-Artikoli 39 u 6(1) tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea rispettivament". Trid ghalhekk tara jekk dak li r-rikorrent jikkontendi li bid-digriet taghha tal-5 ta' Dicembru, 2002 fil-kawza fl-ismijiet ***Joseph Schembri v. Joyce Schembri*** (Citaz. 355/02 RCP) il-Qorti li tat dak id-digriet kisritx dritt fondamentali tar-rikorrent - id-dritt ta' "smigh xieraq u

imparzjali" kif protett bl-Artikolu 39 tal- Kostituzzjoni u bl-Arikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Ir-rikorrent kien ipprezenta affidavit fejn semma li hu mizzewweg lil Maria Concetta u ghandhom tlett ulied fosthom Joseph Alfred Schembri. Dan Joseph mizzewweg lil Joyce u ghandhom zewgt itfal Sarah u Ryan, it-tnejn minuri. Qal li f'Gunju 2002 ibnu Joseph issepara minn ma' martu bonarjament u ftehmu dwar il-kura u l-kustodja tat-tfal u l-access ghalihom mill-missier.

Fis-26 ta' Marzu 2002 Joseph beda proceduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili peress li hass li l-omm mhix tiehu hsieb uliedha skond l-ahjar interess taghhom. Ipprezenta kopja tac-citazzjoni u kopja tan-nota ta' l-eccezzjonijiet fejn inhatru Social Workers li ghamlu rapport li gie prezentat. Semma li ghamlu diversi konkluzjonijiet fosthom anke dwar l-access li hu kellu ghat-tifel Ryan.

Semma li fil-5 ta' Dicembru 2003 tela' l-Qorti mat-tifel tieghu peress li kien qed ihossu ma jiflahx. Ipprezenta kopja tat-traskrizzjoni tax-xhieda moghtija mis-social worker. Waqt dik is-seduta l-Imhallef staqsa dwar ir-relazzjoni tieghu mat-tifel Ryan u meta s-social worker indikatlu min kien, qallu biex lil Ryan ma jarahx aktar sa kemm jghidlu hu. Qal li ghalkemm kien fl-Awla hu ma kienx qed jippartecipa fis-seduta. L-Imhallef kien ta digriet li kien jolqot lilu liema digriet ipprezenta kopja tieghu. Semma li dakinhar hu ma kellux avukat mieghu minhabba li l-kawza ma kenitx tieghu. Qal li l-Imhallef la ghamillu domanda wahda u tah canfira. Kompla jghid li ma nghatax l-opportunita` jiddefendi ruhu ghax kieku kien jopponi ghan-natura tad-digriet.

Ipprezenta x-xhieda li kien ta' quddiem l-Assistenta Gudizjarja fil-kawza ta' bejn it-tifel tieghu u martu Joyce. It-tifel tieghu Joseph kemm-il darba qallu li Ryan kien qed ibati minhabba s-sitwazzjoni kkawzata permezz tad-digriet. Qal li t-tifel tieghu Joseph ghamel rikors fejn talab li d-digriet jigi revokat liema rikors gie michud u fit-28 ta' April 2003 dak id-digriet gie kkonfermat. Ipprezenta kopja tar-rikors kif ukoll tar-risposta.

Xehdet Joyce Schembri fejn semmiet li t-tifel Ryan Schembri jghix maghha pero` jara lil missieru regolarment. Semmiet li skond il-ftehim missieru jista' jarah tlett darbiet fil-gimgha izda gieli rah aktar u gieli rah inqas. Qalet li l-ikbar problema hi meta t-tifel jigi influwenzat min-nannu cioe` missier ir-ragel taghha u t-tifel gieli qalilha li nannuh kien jghidlu kontra taghha. Semmiet li apparti t-tifel ghandha wkoll tifla li ghandha 15-il sena u li hi wild taghha u tar-ragel taghha; it-tifel tar-rikorrent u qalet li dwar it-tifla ma hemmx problemi ghax it-tifla ma tkunx trid tmur ghand nannuha ghax joqghod jghid kontra taghha u hi ma tiehux gost. Semmiet li fl-okkazzjoni meta l-Imhallef Pace kien ta l-ordni li t-tifel ma jistax jara lin-nannu, huma ma kienux xehdu izda hi u r-ragel taghha kienu deheru quddiem l-Imhallef Pace. Qalet li r-rikorrent ma kienx prezenti u l-anqas ma kien prezenti xi avukat tieghu u l-anqas it-tifel ma kien hemm u qalet li l-Imhallef Pace kien baghat ghat-tfal u kellimhom wahedhom.

Hi insistiet li mhix disposta li thalli t-tifel jara lin-nannuh. Qalet li t-tifel mar lura sa spicca anke taht il-kura ta' psikologista u sar ma jaghmilx il-homework u anke jidghi ghax jisma' lil missieru u lil nannuh. Qalet li r-rikorrent ilu jindahal fil-hajja taghha u tar-ragel taghha minn dejjem u hu l-kawza tal-glied taghhom. Semmiet li hi ma toggezzjonax li t-tfal jaraw lill-missierhom, it-tifel tar-rikorrent u l-anqas hu ma ghandu diffikultajiet li t-tfal jghixu maghha jew li jmorru jarawha. Qalet li d-diffikultajiet taghha huma li t-tfal jaraw lir-rikorrent u min-naha tar-ragel taghha qalet li hu ghandu diffikultajiet li t-tfal jaraw xi nies li jkunu hbieb taghha. Ikkonfermat li l-Imhallef Pace fid-digriet kien eskluda kemm lil missier ir-ragel, kif ukoll lil dawn il-hbieb.

Rat l-atti kollha tal-kaz [inkluz ir-rapport tas-Social Workers] [ u n-noti tal-osservazzjonijiet];

D. **KONSIDERAZZJONIJIET:**

Kif inghad fuq jinkombi fuq din il-Qorti biex tezamina jekk giex lez id-dritt fundamentali tar-rikorrent ghal smigh

xieraq u imparzjali kif protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u mill-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea Ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali. Huwa utili li f’dan l-istadju jigu kkwotati l-artikoli relevanti:
**“39.** (2) Kull qorti jew awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b’ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta’ drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l- proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli.”

Konvenzjoni - Kap 319 - L-Ewwel Skeda - Artikolu 6
(1) Fid-decizzjoni tad-drittijiet civili u ta’ l-obbligi tieghu jew ta’ xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b’ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista’ jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, ta’ l-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f’socjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew safejn ikun rigorozament mehtieg fil-fehma tal-qorti f’cirkostanzi specjali meta l-pubblicità tista’ tippregudika l-interessi tal-gustizzja.

Ghalkemm kif intqal fil-kawza fl-ismijiet **Mario Spiteri vs Prim Ministru et** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta’ Jannar 1996 “Ma insibu m’kien x’inhuma l-ingradjenti li jikkostitwixxi a fair hearing”, il-forom ta’ nuqqas ta’ smigh xieraq jistghu jkunu diversi – ***audi alteram partem, nemo judex in causa propria***, id-dritt ghall-kunsulent legali, nuqqas ta’ allegazzjoni ta’ atti necessarji u essenzjali ghall-provi, prova tan-***ne bis in idem*** u tant forom ohra. Fil-kawza **Francis X Aquilina vs Avukat Generali et** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili [sede Kostituzzjonali] deciza fil-31 ta’ Mejju, 2002 inghad:
“Biex wiehed japprezza jekk proceduri humiex xierqa jew le, wiehed m’ghandux ihares biss lejn xi nuqqasijiet procedurali li jokkorru imma jekk, fl-assjem taghhom, il-

proceduri kienux jew le kondotti b'gustizzja fis-sostanza u fl-apparenza."

Ir-rikorrent fil-kaz odjern jilmenta min-nuqqas ta' smigh xieraq fil-konfront tieghu billi hu qatt ma kellu l-opportunita` li jitkellem jew igib provi, jew jaghmel sottomissjonijiet, u jkollu konsulent legali u meta l-imsemmi digriet laqat lilu.

Izda fil-kaz in ezami l-problema hu jekk b'dak li gara fis-seduta tal-5 ta' Dicembru, 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Schembri vs Joyce Schembri** r-rikorrent hux qieghed jilmenta minn **drittijiet u obbligi civili tieghu** meta hu ma kienx parti fil-kawza. Kemm l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jaghtu d-dritt lil kulhadd ghas-smigh xieraq fid-determinazzjoni tad-**drittijiet u obbligi civili tieghu**; izda t-terza persuna li ghandha interess [u mhux dritt] mhix imsemmija.

Hu ovvju li r-rikorrent ghandu interess izda dan ma jwassalx ghal dritt. Il-kustodja tat-tfal hija f'idejn il-genituri u mhux f'idejn in-nanniet sakemm il-genituri huma hajjin jew ma tnehhitilhomx l-awtorita' ta' genituri. Kien ghalhekk li d-digriet tal-Imhallef Pace affetwa d-drittijiet tal-genituri tat-tfal, u tal-istess tfal u ma jistax ir-rikorrent isostni li ma inghatax smigh xieraq ghax hu kellu interess fil-kawza **Joseph Schembri vs Joyce Schembri**; izda ma kellux drittijiet u obbligi civili tieghu. Ir-rikorrent jsemmi "The principle that no one should be condemned or deprived of his rights without being heard [fol 190]" jassumi li wiehed qieghed jezamina **d-drittijiet tieghu.** Il-**"fairness"** li ghalih jaghmel referenza r-rikorrent japplika ghad-drittijiet tal-partijiet f'kawza u mhux ghal kull min ghandu interess fl-ezitu ta' kawza.

Ir-rikorrent jilmenta li d-decizjoni dwar id-digriet mertu tal-kawza ma gietx kondotta b'gustizzja u b'hekk gie lez id-dritt ta' smigh xieraq tieghu. Jista jkun il-kaz, izda dan irid jirrizulta lil din il-Qorti skond l-artikoli msemmija li pero' ma hux qieghed jirrizulta. Jista' jirrizulta f'dan id-dritt kombinat ma' dak tal-***family life***, izda din l-Qorti gja uzat

id-diskrezzjoni taghha li tastjeni minhabba li jezistu mezzi xierqa ohra ta’ rimedju ghall-ksur allegat.

Interessanti li wiehed jikkwota l-ezempju moghti mill-Avukat Generali dwar:
“digriet dwar il-kustodja ta’ minuri fil-pendenza ta’ kawza ta’ separazzjoni, jipprjbixxi li l-minuri jithalla jiffrekwenta kazin jew hanut, dan ma jnissilx id-dritt fis-sid ta’ dak il-hanut jew fil-kumitat ta’ dak il-kazin illi jaghmel azzjoni talli ma nstemax qabel ma jkun inghata dak id-digriet“.

Il-Qorti ppruvat issib xi kaz iehor ta’ indoli kostituzzjonali bazat fuq smiegh xieraq li laqat persuna ohra li mhux parti fil-kawza izda kull ma sabet il-kaz ta’ l-**Onor Lino Debono vs Magistrat Dr Michael Mallia**. Il-kaz li gie deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fid-19 ta’ Frar 1990 kien jirrelata ghal rikorrent li pprezenta kawza billi allega li dan ivvjolalu d-drittijiet fundamentali tieghu ghas-smigh xieraq meta fid-decizjoni ta' kawza [f'liema kawza huwa ma kienx parti] gie dikjarat li hu rrenda ruhu hati ta' reat. Izda l-bazi tad-decizzjoni kien fuq binarji ohra ghax il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddikjarat li Magistrat ma kienx azzjonabbli ghal dak li ghamel kien fl-esekuzzjoni tal-funzjonijiet tieghu u ghalhekk illiberatu mill-osservanza tal-gudizzju. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.

Ir-rikorrent fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu [fol 191] ipprova li jallaccja mad-dritt tieghu ta’ moviment kif protett mill-artikolu 44 tal-Kostituzzjoni. Izda dan ma kienx il-bazi tar-rikors u ghalhekk ma jistax jigi kunsidrat ghax jissemma fin-nota tal-osservazzjonijiet.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Sfortunatament il-posizzjoni tar-rikorrent hija dik ta’ persuna li ghandha <u>interess</u> kbir <u>izda</u> li ma ghandiex dritt. Il-posizzjoni tieghu giet milquta b’decizjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi civili ta’ terzi ghax l-obbligi u d-drittijiet li gew decizi mhumiex l-obbligi u d-drittijiet tieghu, izda ta’ Joyce u Joseph Schembri.

Ghal dawn il-motivi tilqa’ t-tieni eccezzjoni tal-intimat illi d-digriet in kwistjoni ma ddetermina ebda dritt jew obbligu

civili tar-rikorrent u ghalhekk m’huwiex censurabbli taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Stante n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------